**MINUTI**

**Minuti tat-48 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qrendi**

**It-tmien leġiżlatura**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-uffiċċju tal-Kunsill 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru, 2022, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku David Schembri MQR
Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja
Il-Kunsillier Daniel Farrugia
Il-Kunsilliera Marion Parnis
Il-Kunsillier Charles Zerafa

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skond Ordni Permanenti 14A(3))

Kulħadd kien preżenti.

UFFIĊJAL

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ritienne Giorgino

**Minuti**

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**48.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**48.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**48.2** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**48.2.1** Il-Minuti tal-47 laqgħa ġew ikkunsidati bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Daniel Farrugia propona l-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku issekonda.
Il-Kunsill unanimament approva l-Minuti bħala dokument korrett.

**48.3** **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**48.3.1** Ma kienx hemm komunikazzjoni taħt dan l-item.

**48.4** **MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

**48.4.1** Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**48.5** **MEASURE 1 – RESTORATION OF ASSETS OF ARTISTIC AND CULTURAL VALUE**

**48.5.1** Is-Sindku informa li l-applikazzjoni għal din il-Miżura ġiet approvata, u l-Kunsill ġie approvat grant ta' €20,000 għar-restawr tal-pittura u l-kurċifiss. Huwa qal li fil-jiem li ġejjin ser isir l-iffirmar tal-ftehim.

**48.6** **MEASURE 3 – PROMOTION OF THE CULTURAL HERITAGE**

**48.6.1** Is-Sindku infurma li sar l-iffirmar tal-ftehim ta' din il-Miżura u qed jinġabru kwotazzjonijiet għall-publikazzjoni tal-ktieb. Huwa qal li bħala Sindku ser ikun il-Project Leader ta' dan il-proġett.

**48.7** **POC141/2022 – DIRECT ORDER – ŻIEDA FIL-KUNTRATT TAL-ĠBIR TAL-ISKART**

**48.7.1** Is-Sindku infurma li l-Kuntratt tal-ġbir ta' skart skada fit-12 ta' Settembru 2022. Bħalissa għaddej il-proċess ta' procurement fuq bażi reġjonali għal tali tender, liema servizz huwa pjanat li jibda jopera f'Jannar. Sadattant, u peress li s-servizz in kwistjoni huwa fundamentali, meta avviċinat għal estensjoni tal-Kuntratt sal-aħħar tas-sena, il-kuntrattur talab is-somma ta' €300 kull ġabra, biex jibqa jopera bl-istess kundizzjonijiet. Tali somma tammonta għal madwar €20,000. Huwa qal li f'dan l-istadju, l-Kunsill ma għandux alternattiva ħlief li jagħti s-servizz b'direct order skond il-proċeduri finarzjarji, li ma jaqbżux il-€5000. Madankonnu, is-servizz jaqbeż dan l-ammont sa l-aħħar tas-sena. Għalhekk, is-Sindku talab parir legali fuq is-sitwazzjoni u l-Kunsill għandu jagħmel talba lid-Direttur Ġenerali skond il-Proċeduri Finanzjarji u MFIN Ċirkulari nru. 03/2013. Il-Kunsill unanimament qabel li jagħmel talba għall-approvazzjoni ta' direct order, u li s-servizz ikompli jingħata sakemm jibda l-kuntratt il-ġdid.

**48.8 L-IMPJIEG TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U CLERK FUQ SKALA 15 – APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-BORD TAL-GĦAŻLA**

**48.8.1** Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni għall-impjieg ta' Segretarju Eżekuttiv għadha l-istess, cioe li għalissa l-proċess għal sejħiet huwa mwaqqaf. Huwa talab li L-Kunsill jikteb lid-Direttur Ġenerali u jsaqsi dwar jekk hemmx xi indikazzjoni ta' żvilupp fuq din is-sitwazzjoni.

**48.8.2** Ingaġġ ta' Clerk fuq skala 15
Is-Sindku preżenta kopja tar-rapport tal-Bord tal-Għażla. Huwa qal li wara proċess twil, kienu saru l-interviews fejn il-kandidati ġew mistoqsija diversi mistoqsijiet li jkopru l-kriterji stabbiliti. Il-Bord qiegħed jirrakkomanda lis-Sra. Doreen Abela, b'total ta' 74 marki, biex tiġi impjegata full-time bħala Clerk fuq skala 15. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva r-rapport tal-bord u l-impjieg tas-Sra. Abela mill-1 t'Ottubru 2022.

**48.9 SKEMA SPI/SCI/8/2022 – SKEMA MILIED**

**48.9.1** Is-Sindku informa li bosta Kunsilli Lokali kienu irtiraw mill-proposta mressqa mir-Reġjun Punent għal din l-applikazzjoni. Huwa qal li kien fadal żewġ kunsilli biss li ssieħbu u li l-proposta ma kinetx vjabbli u ta' gwadann għal lokalita'.

**48.10 SKEMA SPI/SCI/9/2022 – FINANZJAMENT TA' PROĠETTI KAPITALI – KOMUNITAJIET ISBAĦ U AKTAR B'SAĦĦITHOM**

**48.10.1** Is-Sindku informa li wara laqgħa mad-direttorat tal-iskemi, ġie propost li l-Kunsill japplika għal tgħammir u finishing taċ-ċentru ċiviku għall-ammont ta' €100,000. Il-fondi ħa jkunu mqassma 85% koperti mill-iskema, filwaqt li 15% ikunu fondi lokali. Huwa qal li l-Kunsill jista' jibbenefika minn €7000 għal servizz t'assistenza biex dan il-proġett jitwettaq. Il-Kunsill unanimament approva li ssir l-applikazzjoni kif imsemmi, kif ukoll jiddikjara li huwa dispost li jiffinanzja l-kontribut ta' 15%.

**48.11 PROPOSTA GĦAL INSTALLAR TA' CCTV'S – IDENTIFIKAZZJONI TA' SITI**

**48.11.1** Is-Sindku informa li kienu twaħħlu l-arbli ħdejn il-bring in sites u issa jonqos li jiġu installati it-tlett cameras. Huwa talab li jiġu identifikati tlett siti oħra fejn hemm bżonn cameras minħabba rimi illegali u propona dawn is-siti:

- Triq it-Tempesta ma' Triq Ħal Lew
- Triq l-Għarix ma' Triq is-Siġġiewi
- Triq Sta. Katerina ħdejn is-substation

**48.11.2** Is-Sindku qal li l-Kunsill jidħol biss għall-ispejjeż tal-konnessjoni tal-internet. Il-Kunsill unanimament approva dawn is-siti proposti.

**48.12** **NIGHT CARE CENTRE**

**48.12.1** Is-Sindku informa li l-kunvent tas-sorijiet inbiegħ u reġa qiegħed għal bejgħ għal somma esuberanti. Hu qal li l-binja fiha ħafna spejjeż biex titranġa li allura komplessivament hija ferm iktar mill-allokazzjoni prevista. Is-Sindku qal li hemm bżonn jiġi identifikat sit ieħor. Hu qal li hemm bżonn li l-Kunsill jitħadded mal-awtoritajiet biex dan il-proġett isir rejalta.

**48.13** **ĊENTRU ĊIVIKU TAL-QRENDI**

**48.13.1** Is-Sindku preżenta pjanti taċ-ċentru ċiviku . Huwa qal li d-Dipartiment tas-Saħħa mhux qed japprova l-Berġa peress li ma taqax taħt l-istandards stabbiliti kemm bħala kobor u lanqas bħala rekwiżiti fosthom kċina, u bżonnijiet sanitarji. Id-Dipartiment qed jisħaq li minħabba l-popolazjoni tal-Qrendi mhux vjabbli li jkun hemm berġa fil-lokalita', iżda r-residenti jistgħu jinqdew minn berġa f'lokalita' viċin. Huwa qal li għalkemm insista li din kienet approvata fil-pjanti oriġinali, ir-rekwiżiti preżenti inbidlu u ma tgħaddix mill-istandards. Għalhekk, is-Sindku qed jiproponi li l-post fej kellu jiġi berġa issir librerija lokali, fuq stil modern bħal tal-Imtarfa. Is-Sindku talab li jekk hemm qbil fuq dan, isiru it-tibdiliet neċessarji fuq il-pjanta mill-Perit.

**48.13.2** Wara diskussjoni, il-Kunsilliera Charles Zerafa u Marion Parnis ma qablux li ma jkunx haw berġa lokali, ġaladarba din kienet approvata fuq il-pjanti oriġinali. Huma qalu li l-Kunsill m'għandux jaċċetta dan għax huwa disservizz lir-residenti tal-Qrendi. Il-Kunsilliera Parnis qalet li min ikollu bżonn juża berġa l-maġġor parti huma anzjani li għalihom hija skariġġ kbir li jmorru lokalita' oħra bit-trasport pubbliku.

**48.13.3** Il-Kunsilliera Marion Parnis proponiet il-possibilta' li l-berġa ssir fuq. Is-Sindku qal li jekk issir fuq, tittieħed l-ispazju tas-sala. Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li hemm diversi lokalitajiet li jibbenefikaw minn community clinic u ma jaqbilx li s-servizz ma jkunx offrut lokalment.

**48.13.4** Is-Sindku qal li jifhem il-frustrazzjoni, iżda r-rekwiżiti huma stretti u ma kienx aprovat li ssir berġa. Rigward dan is-Sindku qal li bħalissa għaddejjin taħdidiet għal ftehim ġdid tal-libreriji u naraw x'sa jkun jinvolvi.

**48.14** **SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA: TISBIEĦ TAL-PAVIMENTAR; DAWL**

**48.14.1** Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Onorevoli Stefan Zrinzo Azzopardi rigward il-proġett, ta' tisbiħ tal-pavimentar u inawgurazzjoni tar-restawr. Is-Sindku qal li jonqos il-paviment, id-dawl u l-ħitan tas-sejjieħ. Is-Sindku qal li kien hemm wegħda verbali ta' finanzjament mill-Awtorita' tat-Turiżmu għad-dawl b'sistema taħt l-art u wara jsir il-pavimentar. Is-Sindku qal li hemm varjazzjoni żgħira fil-pjanti preżentati minħabba s-sistemi tal-ilma u d-drenaġġ. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' japplika għal fondi taħt l-Urban Improvement Fund.

**48.14.2** Is-Sindku qal li t-tender tal-pittura qiegħed fil-proċess biex jiġi ppublikat. Is-Sindku qal li l-publiċita dwar il-kappella kienet għamlet l-effett tagħha għax kienu bosta l-viżitaturi. Huwa rringrazzja lid-Dipartiment tat-Tindif għas-servizz wara l-attivita'. Is-Sindku rringrazzja wkoll lill-għaqdiet li ħadmu b'sinerġija biex l-attivita' kienet suċċess.

**48.15 KTEJJEB: SANTA KATERINA TAT-TORBA**

**48.15.1** Is-Sindku informa li l-ktejjeb qiegħed fil-proċess li jiġi stampat.
Is-Sindku propona wkoll li jiġi stampat ktejjeb fuq l-inkwadru, l-pittura u l-istorja tal-istess kappella, u qal li qed jiġbor stimi għal stampar ta' kopji bl-ingliż. Is-Sindku qal li l-promozzjoni ta' din il-kappella, ħajret diversi studenti biex jistudjaw fuq il-ġwiebi, u arkejoloġija, u dan kollu jagħti valur addizzjonali lill-lokalita'. Is-Sindku propona li jiġu stampati 500 kopja tal-ktejjeb informattivi. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament qabel.

**48.15.2** Is-Sindku propona wkoll li ssir sejħa għal interess għal proġett għat-tfal u żgħażagħ dwar l-istorja ta' Santa Katerina tat-Torba u jingħata token lill-parteċipanti.

**48.16 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL LI JKUN MEĦTIEĠ**

**48.16.1** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni rigward attivita' għal Għawdex li ġiet organizzata f'isem il-Kunsill. Is-Sindku qal li kull Kunsillier huwa a konoxxenja tal-proċeduri legali u attivitajiet bħal dawn iridu jeitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li min ikun responsabbli għandu jagħti rendikont tal-attivita', dħul u ħruġ ta' finanzi. Il-Viċi Sindku qal li hu kien diġa tkellem verbalment mas-Sindku rigward l-attivita' u għandu rendikont ta' kull ma sar iżda għadu ma ressaqhomx. Is-Sindku talab li dawn jitresqu. Is-Sindku wissa li kull kunsillier huwa obbligat li jimxi mal-proċeduri.

**48.16.2** Il-Kunsillier Charles Zerafa ġibed l-attenzjoni rigward qtugħ ta' ħaxix li ma jinġabarx. Is-Sindku qal li minn informazzjoni, hemm entitajiet jagħmlu dan ix-xogħol fit-toroq tal-lokal mingħajr ma l-Kunsill ikun a konoxxenza ta' dan. Is-Sindku qal li l-evalwazzjoni tal-Kuntratt il-ġdid waslet fil-fażi finali.

**48.17 APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

**48.17.1** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-iskeda tal-pagamenti kif preżentata.

**48.18 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 19 t' Ottubru 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 19 t'Ottubru 2022

David Schembri MQR — Ritienne Giorgino
Sindku — Deputat Segretarju Eżekuttiv